MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 30/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-30 ta' Jannar, 2006 li permezz tieghu l-atturi eccepew:

1. Illi l-attrici Akienet mizzewga lill-konvenut B, u sseparat minnu bonarjament nhar il-5 ta' Settembru 2005, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Tonio Cauchi, skond ma jidher mill-kopja ta' l-istess kuntratt li

qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi nhar il-15 ta' Novembru 2005 twieldet il-minuri X maghrufa bil-kunjom B, u billi twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, giet registrata fl-Att tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 3717/2005, mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, bhala bint il-konvenut B, skond ma jidher mill-istess Att li qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. B;

3. Illi b'danakollu meta l-minuri X maghrufa bil-kunjom Agius giet ikkoncepita, l-attrici Au zewgha l-konvenut Bkienu mifruda *de facto* u kienu qed jghixu f'zewg residenzi differenti wara illi l-konvenut B kien telaq mid-dar matrimonjali f'Jannar tas-sena 2005;

4. Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-attrici A u l-konvenut B;

5. Illi ghalhekk il-konvenut B ma jistax ikun missier il-minuri X, peress illi hu u martiu l-attrici A, illi kienu miggieldin, ma kellhomx rapporti intimi bejn tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata mid-data tat-twelid tal-minuri X, u ghalhekk il-konvenut kien effettivament fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' l-attrici A minhabba li kien boghod minnha;

6. Illi effettivament missier il-minuri X maghrufa bil-kunjom B, huwa l-attur C, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess minuri giet ikkoncepita, l-atturi, ghalkemm mhux mizzewgin bejniethom, kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghada ghaddejja sal-lum;

7. Illi l-atturi qeghdin minn issa jiddikjaraw id-disponibilita' taghhom ghal kwalsiasi testijiet u provi

genetici u xjentifici rikjesti mil-Ligi u minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta’ l-atturi.

9. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri X maghrufa bil-kunjom B, hija effettivament bint l-attur C u mhux bint il-konvenut Joseph Agius, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 3717/2005;

(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid imsemmi sabiex jirrifletti din il-verita’ dwar il-paternita’ tal-minuri X maghrufa bil-kunjom Agius.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur C huwa l-missier naturali tal-minuri X, maghrufa bil-kunjom B, u mhux il-konvenut B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid Numru 3717/2005:-

a. jissostitwixxi l-kunjom “B” fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” bil-kunjom “C”;

b. jissostitwixxi l-isem “B” fil-kolonna “Isem u Kunjom Missier it-Tarbija” bl-isem “C”;

c. jissostitwixxi n-numru tal-Karta ta’ l-Identita’, relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna “Id-Dokument ta’ l-Identita’” bin-numru;

d. jissostitwixxi n-numru “42” fil-kolonna “Eta’”, relattiv ghall-missier tal-minuri, bin-numru “45”;

e. jissostitwixxi l-post “Zebbug MALTA” fil-kolonna “Fejn Twieldu”, u dan dejjem b’referenza ghall-missier tal-minuri, bil-post “Pieta’”;

f. jissostitwixxi l-post “lokalita 1” fil-kolonna “Fejn Joqghodu”, in kwantu jirrigwarda l-intestata “Missier it-tarbija” bil-post “loklita 2”;

g. jissostitwixxi l-isem “ nannu patern B (ALIVE)” fil-kolonna “Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet”, b’referenza ghall-intestata “Missier it-Tarbija” bl-isem “nannu patern C (ALIVE)”;

h. ihassar il-kliem “the said” mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta’ l-omm, l-attrici A.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ta’ l-esponent id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-6 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kac it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istant.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-esponent id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Bipprezentata fil-25 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaqbel mat-talbiet attrici kollha accetto dwar ispejjez stante li l-minuri X zgur li ma tistax tkun bintu u dan principalment minhabba r-ragunijiet moghtija minn martu l-attrici fir-rikors promotur taghha li minnha huwa legalment isseparat;

2. Illi l-eccipjent m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u dawk ancillari taghhom stante li l-intavolar tal-kawza odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tieghu;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut B mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta’ l-atturi u tal-konvenut B.

Rat ir-rapport ta’ l-espert tat-test tad-DNA.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha u registrata bhala iben ir-ragel taghha u minnu separata bhala ta’ l-attur C; dan hu ammess kemm mill-attur u mill-konvenut Agius u kkonfermat mit-test tad-DNA.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut, fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998. Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili), mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba ta' l-attur u anke f'dan il-kaz barra l-ammisjoni hemm it-test xjentifiku.

**Ghaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut Agius tilqa' t-talbiet attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jirregistra l-korrezzjonijiet necessarju fl-att tat-twelid numru 3717 tal-2005 billi jigu mnizzla l-konnotati ta' l-attur C minnflok tal-konvenut B fl-istess att u dan fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jigi notifikat mill-attur bil-konnotati tieghu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjes jithallsu mill-atturi solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------